TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 09 ta' Ġunju, 2025**

**Talba Nru: CCT235/24/DS**

**Peter Axisa**

**Vs**

**Attard Bros. Building Supplies Ltd. – Big Mat**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-11 ta' Novembru, 2024 fejn huwa talab riżarċiment ta' elf mitejn u ħamsa u sebgħin Ewro (€1,275) f'danni liema ammont huwa ekwivalenti għall-prezz tal-*pool* minħabba illi l-pompa ma kienetx qiegħda tiffunzjoa kif suppost kif ukoll għaliex kien ħarġilha s-sadid u s-soċjeta' intimata insistiet illi dan kollu ma kienx kopert mill-garanzija għaliex il-*pool* kellha doża oltre l-limitu ta' *chlorine*;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fis-6 ta' Diċembru, 2024 fejn insistiet illi s-soċjeta' intimata ma taħtix għall-ħsarat imġarrba mill-attur, li kien l-attur li ħassar il-prodott li ġie mibjugħ lilu għaliex ma segwiex l-istruzzjonijiet u bla preġudizzju għal dan sta għalieh illi juri li ġarrab danni ħtija tas-soċjeta intimata;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti. L-attur xtara pool fil-11 ta' Lulju, 2024 u fit-23 ta' Lulju, 2024 irrapporta lis-soċjeta' intimata illi l-pompa kellha l-ħsara. Jumejn wara ħadha biex jispezjonawha u fis-26 ta' Lulju, 2024 ġie nfurmat illi l-pompa saritilha l-ħsara minħabba dożi qawwija u oltre l-limitu ta' *chlorine*. L-attur talab għal *surveyor* għaliex insista li dan ma kienx minnu pero' dan is-*surveyor* ma nbgħatx. Eventwalment il-pompa kienet imsewwija pero' s-soċjeta' intimata insistiet illi l-garanzija ma kellhiex tibda mill-ġdid.

Fl-24 ta' Settembru, 2024 l-attur innota sadid fil-pool.

L-attur jinsisti illi huwa jixtieq illi l-garanzija tibda mill-ġdid għaliex huwa xtara l-*pool* u l-pompa bħala pakkett wieħed.

Illi dan it-Tribunal mhux konvint x'kienet ir-raġuni għall-ħsara tal-pompa pero' *stante* illi kien hemm aktar min oġġett wieħed illi jidher li kien affetwat u dan jikkumbaċja mat-teżi tas-soċjeta' intimata li straħet fuq il-parir espert tas-supplier illi kien hemm overdosing ta' *chlorine* it-Tribunal itendi li jiffavorixxi l-veraċita ta' din it-teżi. Fl-aħħar mill-aħħar min jallega jrid jipprova u l-attur setgħa qabbad huwa stess espert sabiex jipprova t-teżi tiegħu u dan m'għamlux biex b'hekk l-uniku rapport illi hemm rigwardanti l-akkadut huwa tas-supplier illi, irrispettivament minn ness ġuridiku mal-attur, jipprovdi prova għas-soċjeta' intimata illi m'hijiex ribattuta b'mod illi tikkonvinċi lil dan it-Tribunal.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal iħoss illi s-soċjeta' attriċi sewwiet il-ħsara bla preġudizzju għall-fatt illi hija ma kellhiex tortijiet iżda biex toffri servizz bl-aħjar mod li setgħet u għaldaqstant ma kienx il-każ li tinbeda l-garanzija mill-ġdid. Tenut kont ta' dan kollu t-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal

jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**